KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 14.02.2005
KUMM(2005) 45 finali

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

fuq Pjan ta' Azzjoni ta' l-UE dwar id-Drogi (2005-2008)

{SEG(2005)216}

Daħla

Il-fenomenu tad-drogi huwa wieħed mill-akbar problemi taċ-ċittadini Ewropej, kif ukoll theddida mill-akbar għas-sigurtà u s-saħħa tas-soċjetà Ewropea. Fl-UE hemm madwar 2 miljun ruħ li jiddependu mid-droga. L-użu tad-drogi, l-aktar fost iż-żgħażagħ, qiegħed fl-ogħla livelli fl-istorja. L-inċidenza ta' l-HIV/AIDS fost id-dipendenti mid-droga qed toħloq tħassib dejjem jikber. Minħabba li l-problema tad-drogi hija waħda dinjija, l-UE tieħu azzjoni permezz ta' numru ta' punti politiċi, bħalma huwa d-djalogu fuq id-drogi ma' diversi reġjuni tad-dinja. Li tinstab tweġiba realistika u effettiva għal din il-problema, għalhekk, għandha tibqa' prijorità politika għall-Unjoni Ewropea.

F'Diċembru ta' l-2004, il-Kunsill Ewropew approva **Strateġija ta' l-UE dwar id-Drogi (2005-2012)** li tistabbilixxi qafas, għanijiet u prijoritajiet għal żewġ Pjani ta' Azzjoni konsekuttivi ta' erba' snin il-wieħed li għandhom jitmexxew 'il quddiem mill-Kummissjoni. Din l-Istrateġija hija parti integrali mill-programm multi-annwali "Il-Programm ta' the Hague" biex jissaħħu l-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja fl-UE. Dan itenni li "biex ikun hemm livell għoli ta' protezzjoni fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja, jeħtieġ li tittieħed azzjoni multi-dixxiplinari u miftiehma kemm fuq il-livell ta' l-UE kif ukoll fuq dak nazzjonali ...".

L-Istrateġija għandha numru ta' għanijiet ewlenin:

– li jintlaħaq livell għoli ta' protezzjoni ta' saħħa, benesseri u koeżjoni soċjali, billi tkun ikkomplementata l-azzjoni ta' l-Istati Membri fil-prevenzjoni u t-tnaqqis fl-użu tad-droga, id-dipendenza fuqha, kif ukoll li tkun evitata l-ħsara għas-saħħa u s-soċjetà, liema ħsara tkun ġejja mid-droga.

– fejn għandhom x'jaqsmu l-kisbiet u l-valuri ta' l-UE f'termini ta' drittijiet fundamentali u ħelsien, li jkun żgurat livell għoli ta' sigurtà għall-pubbliku ġenerali, billi tittieħed azzjoni kontra l-produzzjoni ta' drogi, it-traffikar trans-fruntier tad-drogi u l-użu illeċitu ta' prekursuri, u billi tiġi intensifikata azzjoni preventiva kontra l-kriminalità marbuta mad-droga permezz ta' kooperazzjoni effettiva li titwettaq fuq bazi konġunta.

– li jissaħħu l-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni ta' l-UE biex ikun żgurat li l-azzjoni meħuda fuq livelli nazzjonali, reġjonali u internazzjonali tkun waħda komplementarja, u tikkontribwixxi għall-effettività tal-politika dwar id-drogi fl-UE u fir-relazzjonijiet tagħha ma' imsieħba internazzjonali oħra. Din ta' l-aħħar titlob pożizzjoni Ewropea aktar ċara fil-fora internazzjonali, bħalma huma n-NU u l-aġenziji speċjalizzati tagħha, biex tirrifletti l-pożizzjoni dominanti ta' l-UE bħala donatur f'dan il-qasam partikolari.

L-Istrateġija tikkonċentra fuq iż-żewġ dimensjonijiet ewlenin tal-politika dwar id-droga: it-tnaqqis fid-domanda u t-tnaqqis fil-provvista. Din tkopri wkoll numru ta' temi importanti: il-kooperazzjoni internazzjonali, ir-riċerka, l-informazzjoni u l-valutazzjoni.

Il-Pjan ta' Azzjoni propost mill-Kummissjoni jqis il-Valutazzjoni Finali tagħha ta' l-Istrateġija ta' l-UE dwar id-Drogi u l-Pjan ta' Azzjoni ta' l-UE dwar id-Drogi (2000–2004)[1]. Dan jolqot, l-aktar, dawk l-oqsma li l-valutazzjoni tagħhom kienet uriet li kien jeħtieġ aktar progress fihom. Din tisħaq fuq numru ta' għanijiet essenzjali li ma kinux intlaħqu taħt il-Pjan ta' Azzjoni ta' qabel. Il-Kummissjoni wettqet ukoll konsultazzjoni inizjali mas-soċjetà ċivili fuq il-politika tal-ġejjieni permezz ta' sit ta' l-internet dedikat għal dak l-iskop. Din il-konsultazzjoni se titwessa' iżjed mill-Kummissjoni matul il-perjodu tal-Pjan ta' Azzjoni, biex

[1] KUMM(2004) 707 finali.

tinkludi firxa wiesgħa ta' rappreżentanti tas-soċjetà ċivili madwar l-UE fi djalogu fuq l-aħjar mod li jiġu trattati kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mad-drogi.

F'termini ta' l-għan aħħari, wieħed għandu jifhem b'mod ċar li l-Pjan ta' Strateġija u l-Pjan ta' Azzjoni mhumiex xi riżultat fihom infushom; anke jekk l-għanijiet kollha tagħhom jintlaħqu, wieħed irid jikkonkludi li dawn ikunu fallew jekk ir-riżultat ma jinkludix tnaqqis sostanzjali fil-problema tad-drogi fis-soċjetajiet tagħna. Iċ-ċittadini Ewropej dan jistennewh. L-għan aħħari tal-Pjan ta' Azzjoni huwa li jnaqqas sostanzjalment il-preżenza ta' l-użu tad-droga fost il-popolazzjoni u li jnaqqas il-ħsara soċjali u d-dannu għas-saħħa li jiġu kkawżati mill-użu ta' u l-kummerċ ta' drogi u sustanzi oħra illeċiti. Dan għandu l-għan li jipprovdi qafas għal metodu bilanċjat biex jitnaqqsu kemm il-provvista u d-domanda permezz ta' numru ta' azzjonijiet speċifiċi.

Dawn għandhom jilħqu l-kriterji li ġejjin:

– L-azzjonijiet fuq livell ta' UE għandhom joffru valur miżjud ċar, waqt li r-riżultati għandhom ikunu realistiċi u li jitkejlu.

– L-azzjonijiet għandhom ikunu effettivi fl-infiq u jikkontribwixxu direttament għall-kisba ta' mill-inqas wieħed mill-għanijiet jew prijoritajiet stabbiliti fl-Istrateġija.

– In-numru ta' azzjonijiet f'kull qasam għandu jkun realistiku.

F'termini ta' metodoloġija, il-Kummissjoni fasslet dan il-Pjan ta' Azzjoni mhux bħala lista statika ta' għanijiet politiċi, iżda bħala strument ta' politika dinamika. Dan isegwi l-istruttura u l-għanijiet ta' l-Istrateġija u jiffoka fuq riżultati konkreti f'oqsma ta' prijorità speċifika. Għal kull azzjoni, ġew introdotti għodod ta' valutazzjoni u indikaturi. Dawn tfasslu bl-għajnuna taċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ dwar id-Drogi u l-Abbuż mid-Drogi (EMCDDA) u l-Europol, li t-tnejn se jgħinu lill-Kummissjoni biex issegwi l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni. Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni se tippubblika rapport annwali u, jekk ikun meħtieġ, tipproponi t-tibdil meħtieġ.

Ir-responsabbiltà għall-implimentazzjoni ta' l-azzjonijiet u l-limiti ta' żmien huma indikati b'mod ċar fil-Pjan. Biex l-implimentazzjoni tkun kontrollata sew, il-miri, li għeluq iż-żmien tagħhom ikun għadda jew x'aktarx ma jintlaħaqx, se jkunu suġġetti għal rakkomandazzjonijiet jew biex dawn ikunu implimentati jew biex ikun identifikat għaliex ma kinux implimentati. Il-Kummissjoni se tagħmel valutazzjoni ta' l-impatt fl-2008 biex tipproponi t-tieni Pjan ta' Azzjoni għas-snin 2009-2012. Valutazzjoni finali tal-Pjan ta' Strateġija u tal-Pjan ta' Azzjoni se ssir mill-Kummissjoni fl-2012. Dawn il-valutazzjonijiet se jmorru lil hinn mil-limiti stretti tal-Pjan ta' Azzjoni; dawn se jinkludu, fuq il-bażi tax-xogħol tal-EMCDDA u l-Europol, ħarsa ġenerali fuq l-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni tad-drogi fl-Ewropa.

Dan il-Pjan ta' Azzjoni huwa wieħed ambizzjuż fl-għanijiet tiegħu, iżda dan jirrifletti, fl-istess ħin, in-natura serja tal-problemi li jikkonfrontaw liċ-ċittadini ta' l-UE. Dan jirrispetta l-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità, waqt li jippermetti skop sħiħ għal azzjonijiet lokali, reġjonali, nazzjonali u transnazzjonali. Fl-istess waqt ukoll, dan jinkuraġġixxi lill-partijiet kollha biex jeżaminaw kif dawn l-azzjonijiet jistgħu jkunu appoġġjati b'mod reċiproku u kif dawn jistgħu jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-għanijiet ta' l-Istrateġija ta' l-UE dwar id-Drogi.

KOORDINAZZJONI

Għan ta' l-Istrateġija 17[2]

Il-Koordinazzjoni hija importanti għat-twaqqif u t-twettiq ta' strateġija ta' suċċess kontra d-drogi

Għan	Azzjoni proposta	Skeda ta' żmien	Parti Responsabbli[3]	Għodda ta' valutazzjoni/Indikatur[2]
1. Il-koordinazzjoni effettiva fuq livell ta' UE u nazzjonali	1. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandu jkollhom mekkaniżmu ta' koordinazzjoni ta' drogi li jkun jaħdem b'mod sħiħ, u li jaħtru persuna, dipartiment jew entità biex jaġixxi bħala koordinatur tad-drogi	2007	SM KUMM	Rapport annwali fuq l-istrutturi nazzjonali mill-KUMM, flimkien mal-EMCDDA
	2. L-Istati Membri, waqt li jqisu l-liġi nazzjonali u l-istrutturi amministrattivi tagħhom, jadottaw strateġija nazzjonali ġenerali u/jew pjan ta' azzjoni fuq id-drogi	2007	SM	L-istess
2. Li jkun żgurat approċċ bilanċjat u multidixxiplinari	L-Istati Membri għandhom jittrasponu l-prijoritajiet komuni ta' l-UE fi strateġiji/pjani ta' azzjoni nazzjonali	2007	SM	L-istess

[2] Din is-sistema ta' figuri tikkorrispondi għal dik ta' l-għanijiet ta' l-Istrateġija li hemm fl-Istrateġija ta' l-UE dwar id-Drogi 2005-2012

[3] Presidenza = PRES, Stati Membri = SM, Kummissjoni = KUMM

3. L-involviment tas-soċjetà ċivili	1. Il-Kummissjoni għandha toħroġ *Green Paper* fuq metodi kif tkun tista' tikkoopera b'mod effettiv mas-soċjetà ċivili	2006	KUMM	Il-*Green Paper* tal-Kummissjoni
	2. L-Istati Membri għandhom iqisu l-kompetenzi esperti tal-gruppi u l-entitajiet kollha kkonċernati	2007	SM	SM jirrappurtaw lill-HDG (Grupp ta' Ħidma Orizzontali dwar id-Droga) fuq ir-riżultati tal-konsultazzjoni sa mhux aktar mill-2008
	3. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi għal stħarriġ ta' l-Eurobarometer fuq l-attitudni taż-żgħażagħ dwar id-drogi	2008	KUMM	Rapport mogħti
Għanijiet ta' l-Istrateġija 18 – 19 *Il-Koordinazzjoni fuq livell ta' UE dwar il-politika tad-drogi għandha titwettaq permezz ta' Grupp ta' Ħidma Orizzontali fuq id-Drogi (HDG)*				
4. Koordinazzjoni effettiva fil-Kunsill	1. L-HDG għandu jiffoka l-ħidmiet tiegħu fuq l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni ta' l-UE	Għadu għaddej	Kunsill	Ir-Reviżjoni Annwali tal-Progress tal-KUMM
	2. L-HDG għandu jkun il-forum ewlieni fil-Kunsill għall-koordinazzjoni ta' l-UE fuq id-drogi. Għandu jkun hemm koordinazzjoni effettiva bejn dan u Gruppi ta' Ħidma oħrajn tal-Kunsill li jkollhom x'jaqsmu ma' problemi dwar id-droga, inklużi relazzjonijiet esterni	Għadu għaddej	Kunsill	Il-Mandat tal-HDG għandu jkun rivedut sa l-2005 Ir-riżultati tad-diskussjonijiet tal-HDG fuq ir-relazzjonijiet esterni fejn jidħlu punti dwar id-droga li jkunu ġew rappurtati lill-gruppi ta' ħidma ġeografiċi relevanti u viċe-versa

Għan ta' l-Istrateġija 20 *Wieħed mill-oqsma li fih il-koordinazzjoni hija ta' importanza kbira huwa dak tal-kooperazzjoni internazzjonali*				
5. It-tqassim sistematiku tal-politika dwar id-drogi f'relazzjonijiet u fi ftehim mal-pajjiżi terzi relevanti	1. Il-Kunsill għandu jiżgura li l-pjanijiet ta' azzjoni ta' l-UE għal diversi reġjuni jkunu adottati biss jekk ikunu allokati riżorsi adekwati għall-implimentazzjoni tagħhom	Għadu għaddej	Kunsill	Rapport tal-KUMM sa l-2008
	2. Tkun inkluża klawsola speċifika fuq il-kooperazzjoni fuq id-drogi fi ftehim ġodda ma' pajjiżi/reġjuni terzi	Annwali	Kunsill KUMM	Numru ta' ftehim ġdid bi klawżola speċifika fuq id-drogi
Għan ta' l-Istrateġija 21 *L-awtoritajiet nazzjonali li huma responsabbli biex jikkoordinaw punti u politika marbuta mad-drogi se jikkontribwixxu fl-implimentazzjoni prattika tal-Pjanijiet ta' Azzjoni ta' l-UE fil-kuntest ta' l-implimentazzjoni tal-programmi nazzjonali*				
6. Iż-żamma ta' forum regolari għall-koordinazzjoni ta' l-UE	Il-Presidenza u l-Kummissjoni għandhom jagħtu l-opportunità lil dawk li huma responsabbli mill-koordinazzjoni tad-drogi biex jiltaqgħu ħalli jibdlu informazzjoni fuq żviluppi nazzjonali, biex jirrevedu l-iskop għal kooperazzjoni akbar, u biex jiffokaw fuq l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni ta' l-UE	Darbtejn fis-sena	PRES KUMM MS	Ir-riżultati tal-laqgħat

IT-TNAQQIS FID-DOMANDA

Għan ta' l-Istrateġija 22 *Tnaqqis li jista' jitkejjel fl-użu tad-drogi, tad-dipendenza fuqhom u fir-riskji tas-saħħa u f'dawk soċjali minħabba d-drogi*				
Għan	**Azzjoni proposta**	**Skeda ta' żmien**	**Parti Responsabbli**	**Għodda ta' valutazzjoni/Indikatur**
7. Li jitjiebu l-aċċess għal u l-effettività tal-miżuri tat-tnaqqis fid-domanda tad-drogi	Li tkun żgurata valutazzjoni dwar il-programmi tat-tnaqqis fid-domanda tad-drogi u dwar it-tixrid effettiv ta' l-aħjar prassi valutati. Ikun hemm użu aktar effettiv u aġġornament regolari ta' l-EDDRA (Skambju dwar l-Azzjoni għat-Tnaqqis fid-Domanda għad-Droga) ibbażat fuq l-EMCDDA u ta' bażijiet ta' tagħrif oħrajn	2007	SM EMCDDA	In-numru ta' programmi valutati dwar it-tnaqqis fid-domanda tad-drogi fl-EDDRA; numru ta' utenti tal-EDDRA L-użu tad-droga u l-kunċett ta' riskju fuq id-drogi fost l-istudenti (EMCDDA)
Għan ta' l-Istrateġija 25.1 *Li jitjieb l-aċċess għal u l-effettività tal-programmi ta' prevenzjoni, inklużi l-prevenzjoni mmirata u l-prevenzjoni bbażata fuq il-familja/komunità*				
8. Li jitjieb l-aċċess għal u l-effettività ta' programmi ta' prevenzjoni ibbażati fl-iskejjel	Ikun żgurat li programmi komprensivi ta' prevenzjoni li jkopru drogi leċiti u illeċiti, kif ukoll l-użu ta' ħafna drogi, ikunu inklużi fil-kurrikula ta' l-iskejjel jew li jiġu implimentati kemm jista' jkun fuq firxa wiesgħa	2007	SM	In-numru ta' SM li jkunu inkludew programmi komprensivi bbażati fuq il-prevenzjoni tad-droga fl-iskejjel; il-persentaġġ ta' studenti milħuqa

9. Li titwaqqaf prevenzjoni mmirata. L-iżvilupp ta' modi ġodda biex jintlaħqu gruppi mmirati, eż. bl-użu ta' l-internet	Ikunu żviluppati u mtejba programmi ta' prevenzjoni mmirati għal gruppi speċifiċi (eż. familji li jkunu f'riskju, tfal li jħallu l-iskola) u postijiet speċifiċi (eż. drogi u sewqan, drogi fuq il-post tax-xogħol, drogi f'postijiet ta' mistrieħ)	2007	SM KUMM	Ir-rata ta' disponibbiltà ta' programmi ta' prevenzjoni għal gruppi speċifiċi mmirati (EMCDDA) Studju tal-KUMM fuq l-influwenza ta' l-alkoħol, id-drogi u l-mediċini fuq is-sewqan sa l-2008 Ir-Rapport ta' l-iSM lill-HDG fuq it-twettiq ta' programmi dwar id-droga fuq il-post tax-xogħol sa l-2008 In-numru, it-twettiq u l-effettività valutata tal-proġetti ta' prevenzjoni f'postijiet ta' mistrieħ (EMCDDA)
Għan ta' l-Istrateġija 25.2 *It-titjib ta' l-aċċess għal programmi ta' intervent bikri, speċjalment għaż-żgħażagħ li jagħmlu użu minn sustanzi psikoattivi*				
10. It-titjib fil-metodi għall-identifikazzjoni bikrija ta' fatturi ta' riskju u intervent bikri	L-identifikazzjoni ta' l-użu tad-droga għandha tkun inkluża fit-taħriġ ta' professjonisti li jkunu ġew f'kuntatt mad-dipendenti tad-droga potenzjali	Għadu għaddej	SM	Ir-Rapport ta' l-iSM fuq il-persentaġġ stmat ta' professjonisti li jirċievu dan it-taħriġ sa l-2008 L-età ta' l-ewwel użu mid-droga/l-ewwel domanda għal trattament (EMCDDA)

Għan ta' l-Istrateġija 25.3 *It-titjib fl-aċċess għal programmi ta' trattament li jkunu ta' mira u diversifikati, inkluża l-kura psiko-soċjali u farmakoloġika integrata*				
11. Li jkunu żgurati d-disponibbiltà u l-aċċess għal trattament immirat u diversifikat, kif ukoll għal programmi ta' rijabilitazzjoni	1. Għażliet ta' trattament li jkopru varjetà ta' approċċi psiko-soċjali u farmakoloġiċi u li għandhom ikunu disponibbli u jikkorrispondu għad-domanda tat-trattament	Għadu għaddej	SM	Id-domanda għal trattament u indikaturi ta' disponibbiltà (EMCDDA)
	2. It-twaqqif ta' strateġiji u linjigwida biex tiżdied id-disponibbiltà tas-servizzi għad-dipendenti tad-droga li mhumiex milħuqa bis-serizzi li hemm bħalissa	Għadu għaddej	SM	L-istess
	3. It-titjib fl-aċċess għal u l-firxa ta' programmi ta' rijabilitazzjoni u integrazzjoni soċjali mill-ġdid	Għadu għaddej	SM	L-istess
12. It-titjib fil-kwalità tas-servizzi tat-trattament	Ftehim fuq standards minimi fl-Ewropa kollha fuq it-trattament tad-droga	2008	Kunsill KUMM	Proposta tal-KUMM sa l-2007
13. Li jiġu żviluppati aktar alternattivi flok il-ħabs għall-vittmi tad-droga u servizzi tad-drogi għal nies li jinstabu fil-ħabs	1. Isir użu effettiv u jkunu żviluppati aktar alternattivi flok il-ħabs għall-vittmi tad-droga li jikkommettu reati marbuta mad-droga	Għadu għaddej	SM	Ir-Rapport ta' l-iSM lill-HDG sa l-2008
	2. Ikunu żviluppati servizzi ta' prevenzjoni, ta' trattament u ta' tnaqqis fil-ħsara għall-persuni li jkunu fil-ħabs, servizzi ta' integrazzjoni mill-ġdid meta dawn joħorġu mill-ħabs, u metodi biex ikun sorveljat/analizzat l-użu tad-droga fost il-ħabsin	Għadu għaddej	SM KUMM	Proposta tal-KUMM għal rakkomandazzjoni sa l-2007

Għan ta' l-Istrateġija 25.4 *It-titjib ta' l-aċċess għal servizzi ta' prevenzjoni u t-trattament ta' l-HIV/AIDS, l-epatite, infezzjonijiet oħra, mard u ħsara soċjali u għas-saħħa marbuta mad-droga*				
14. Il-prevenzjoni ta' riskji għas-saħħa marbuta ma' l-użu tad-droga	L-implimentazzjoni tar-Rakkmandazzjoni tal-Kunsill fuq il-prevenzjoni u t-tnaqqis tal-ħsara marbuta mas-saħħa minħabba l-vizzju tad-drogi	Għadu għaddej	SM	Rapport tal-KUMM sa l-2006
15. Id-disponibbiltà u l-aċċess għal servizzi li jnaqqsu l-ħsara	Li jkun żgurat aċċess għas-servizzi għal dawk li huma dipendenti mid-droga, inkluż trattament ta' sostituzzjoni u żamma, bdil ta' labar u servizzi simili li huma maħsuba biex inaqqsu r-riskji	Għadu għaddej	SM	In-numru stmat ta' siringi mqassma u l-utenti tad-droga milħuqa (EMCDDA) Id-domanda għal trattament u indikaturi ta' disponibbiltà (EMCDDA)
16. Il-prevenzjoni tal-firxa ta' l-HIV/AIDS, l-epatite C, infezzjonijiet u mard ieħor li jiżviluppa fid-demm	Li tkun żgurata l-implimentazzjoni ta' programmi komprensivi fuq l-HIV/AIDS, l-epatite C, mard ieħor li jiżviluppa fid-demm; dawn għandhom jinkorporaw il-koordinazzjoni u l-kollaborazzjoni bejn dawk kollha li jipprovdu s-servizzi, liema servizzi huma indirizzati lejn gruppi vulnerabbli	Għadu għaddej	SM KUMM	Indikaturi ta' prevalenza fuq l-HIV, l-epatite C u infezzjonijiet oħra (EMCDDA)
17. It-tnaqqis fl-imwiet ikkawżati mid-droga	It-tnaqqis fl-imwiet ikkawżati mid-droga għandu jkun inkluż bħala mira speċifika fuq il-livelli kollha, flimkien ma' interventi mfassla apposta għal dan il-għan	Għadu għaddej	SM	Indikatur dwar l-imwiet marbuta mad-droga (EMCDDA)

IT-TNAQQIS FIL-PROVVISTA				
Għan ta' l-Istrateġija 27.1 *It-tisħiħ tal-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi ta' l-UE kemm fuq livelli strateġiċi kif ukoll fuq livelli ta' prevenzjoni ta' kriminalità, biex jissaħħu ħidmiet ta' l-operat fil-qasam tad-drogi u l-użu illeċitu ta' prekursuri*				
18. It-tnaqqis fil-produzzjoni u l-provvista ta' drogi sintetiċi	L-iżvilupp ta' soluzzjoni fuq perjodu twil għall-użu ta' profili forensiċi dwar drogi sintetiċi biex, mill-esperjenzi ta' l-imgħoddi, tkun tista' tiġi infurzata l-liġi	2008	SM KUMM Europol	Rapport tal-KUMM
19. Li jkun immirat il-ħasil ta' flus fejn għandha x'taqsam il-kriminalità tad-droga	L-implimentazzjoni ta' proġetti konġunti ta' l-operat	Għadu għaddej	SM Europol Eurojust	Numru ta' proġetti li jkunu bdew jew tkomplew Il-likwidità kriminali marbuta mad-drogi li tkun inqabdet u ġiet imħarbta
20. L-użu ta' assi konfiskati biex ikunu finanzjati proġetti marbuta mad-droga	Li tkun esplorata l-possibbiltà li jkun żviluppat fond biex jintuża għal proġetti konġunti ta' l-operat, liema proġetti għandhom ikunu finanzjati mill-konfiska ta' assi li jkunu nkisbu bil-produzzjoni u t-traffikar tad-drogi	2007	KUMM	Studju fuq l-aħjar prassi fit-twaqqif ta' dan il-fond

21. Li jkunu esplorati rabtiet possibbli bejn it-traffikar tad-droga u l-iffinanzjar tat-terroriżmu	Li ssir riċerka dwar rabtiet possibbli bejn it-traffikar tad-drogi u l-iffinanzjar tat-terroriżmu	2007	KUMM SM	Riċerka lesta
22. Jiżdied ix-xogħol fuq il-prevenzjoni ta' kriminalità marbuta mad-droga	Li jkun mistħarreġ il-limitu tal-kriminalità marbuta mad-drogi fl-UE	2006	SM	Il-kumpilazzjoni ta' studji eżistenti li għandhom jiġu preżentati mill-EMCDDA lill-KUMM sa l-2008 Id-disponibbiltà u d-disponibbiltà osservata ta' drogi fuq il-livell ta' triq, prezz, purità u qawwa (EMCDDA)
23. Li jkunu eżaminati prattiċi ta' prevenzjoni marbuta mad-drogi f'pajjiżi terzi	Isir studju fuq prattiċi li huma marbuta mal- prevenzjoni tad-drogi f'pajjiżi terzi	2008	KUMM	Studju lest
24. Jiżdied it-taħriġ għall-aġenziji li jinfurzaw il-liġi	Is-CEPOL għandha tinkludi fil-programmi ta' ħidma annwali tagħha aktar korsijiet ta' taħriġ lill-aġenziji ta' l-infurzar tal-liġi, b'mod speċifiku għal dawk li għandhom x'jaqsmu mal-ġlieda kontra l-produzzjoni u t-traffikar tad-drogi	2006	CEPOL	Taħriġ relevanti addizzjonali inkluż fil-Programm ta' Ħidma Annwali tas-CEPOL mill-2007

Għan ta' l-Istrateġija 27.2 – 27.3 *L-intensifikazzjoni tal-kooperazzjoni fl-infurzar effettiv tal-liġi bejn l-Istati Membri bl-użu ta' strumenti u strutturi eżistenti* *Il-prevenzjoni u l-ikkastigar ta' l-importazzjoni u l-esportazzjoni illeċiti ta' drogi narkotiċi u sustanzi psikotropiċi*				
Għan	**Azzjoni proposta**	**Orarju**	**Parti Responsabbli**	**Għodda ta' valutazzjoni/Indikatur**
25. Li tiżdied u tkun żviluppata l-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi bejn l-Istati Membri u, fejn ikun xieraq, ma' pajjiżi terzi, l-Europol u/jew l-Eurojust kontra l-produzzjoni u t-traffikar internazzjonali u organizzat tad-droga	1. L-implimentazzjoni ta' proġetti konġunti ta' l-operat, bħalma huma timijiet ta' investigazzjoni konġunta, operazzjonijiet doganali konġunti u netwerk ta' kooperazzjoni bejn il-pulizija tat-trasport fl-Ewropa	Għadu għaddej	SM Europol Eurojust	Numru ta' proġetti konġunti ta' l-operat li jkunu bdew jew tkomplew Kwantità ta' prekursuri u drogi maqbuda Numru ta' gruppi kriminali li ġew sfrattati Numru ta' laboratorji illeċiti li ġew żarmati
	2. L-Europol għandha tfassal u xxerred valutazzjoni dwar it-theddida għall-UE li ġejja mill-produzzjoni u l-provvista tad-drogi	Bi-annwali	SM Europol	Rapport ta' valutazzjoni
26. Il-ġlieda kontra l-kriminalità serja fil-qasam ta' l-użu illeċitu ta' kimiċi prekursuri, billi tiżdied il-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi bejn l-Istati Membri u, fejn	L-implimentazzjoni ta' proġetti konġunti ta' l-operat, bħalma huma l-Unità Konġunta Ewropea fuq il-Prekursuri	Għadu għaddej	SM Europol Eurojust	Numru ta' proġetti konġunti ta' l-operat li jkunu bdew jew tkomplew Kwantità ta' prekursuri u drogi maqbuda Numru ta' gruppi kriminali

xieraq, ma' pajjiżi terzi, l-Europol u/jew l-Eurojust				li jkunu ġew sfrattati
27. Il-prevenzjoni ta' l-użu illeċitu ta' prekursuri, l-aktar prekursuri ta' droga sintetika li tkun ġiet importata fl-UE	1. L-implimentazzjoni tal-liġi ta' l-UE dwar il-prekursuri, l-aktar il-kooperazzjoni bejn l-iSM fejn għandhom x'jaqsmu il-kontrolli ta' l-importazzjoni ta' drogi prekursuri sintetiċi, kif ukoll it-tisħiħ tal-kontrolli dognali fit-territorju estern ta' l-UE	Għadu għaddej	SM KUMM	Numru ta' kontrolli ta' riskju stabbiliti
	2. L-appoġġ għall-operati internazzjonali tan-NU INCB, l-aktar il-Proġett Priżma	Għadu għaddej	SM KUMM Europol	Numru ta' operazzjonijiet li jkunu bdew jew tkomplew
Għan ta' l-Istrateġija 27.5 *Li jiġu intensifikati l-isforzi ta' l-infurzar tal-liġi f'pajjiżi li mhumiex membri ta' l-UE, speċjalment il-pajjiżi u r-reġjuni produtturi tul ir-rotot tat-traffikar*				
28. It-twaqqif u l-espansjoni ta' netwerks ta' uffiċjali tal-kollegamenti ta' l-Istati Membri f'pajjiżi produtturi u pajjiżi li jkunu parti minn rotot ta' traffikar	1. Kull netwerk għandu jara li jtejjeb il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni ta' l-operat ta' l-azzjonijiet ta' l-iSM f'pajjiżi terzi	Darbtejn fis-sena	SM	Numru ta' laqgħat li saru
	2. Ikunu implimentati operazzjonijiet ma' aġenziji ta' l-infurzar tal-liġi ta' pajjiżi terzi	Għadu għaddej	SM	Numru ta' operazzjonijiet li bdew u tkomplew

KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI

Għan ta' l-Istrateġija 30.1

Azzjoni koordinata, effettiva u aktar ċara mill-Unjoni f'organizzazzjonijiet u fora internazzjonali

Għan	Azzjoni Proposta	Orarju	Parti Responsabbli	Għodda ta' valutazzjoni/Indikatur
29. L-adozzjoni ta' pożizzjonijiet komuni ta' l-UE fuq id-droga f'fora internazzjonali	Il-pożizzjonijiet ta' l-UE f'laqgħat internazzjonali li jittrattaw problemi marbuta mad-drogi għandhom jitħejjew fl-HDG. Il-laqgħat ta' koordinazzjoni ta' l-UE għandhom isiru waqt is-CND (il-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi) u laqgħat oħra	Annwali	PRES SM KUMM	Numru ta' pożizzjonijiet ta' l-UE għal laqgħat internazzjonali relevanti
30. L-artikolazzjoni u l-promozzjoni ta' l-approċċ ta' l-UE dwar id-drogi	Il-Presidenza u/jew il-Kummissjoni għandhom ikollhom ir-rwol ewlieni fl-artikolazzjoni u l-promozzjoni ta' l-avviċinament bilanċjat ta' l-UE	Annwali	PRES SM KUMM	Numru ta' dikjarazzjonijiet ta' l-UE
31. Li jinġiebu 'l quddiem riżoluzzjonijiet konġunti ta' l-UE u li jkunu ko-sponsorjati riżoluzzjonijiet oħra	Fin-NU, l-aktar is-CND, il-Presidenza għandha taħdem biex tmexxi 'l quddiem ir-riżoluzzjonijiet bħala riżoluzzjonijiet konġunti ta' l-UE u/jew il-ko-sponsorjar ta' l-UE ta' riżoluzzjonijiet oħra	Annwali	PRES SM KUMM	Numru ta' riżoluzzjonijiet konġunti ta' l-UE u riżoluzzjonijiet ko-sponsorjati

Għan ta' l-Istrateġija 30.2 *Sforzi speċjali fejn għandhom x'jaqsmu l-pajjiżi kandidati, u pajjiżi kandidati potenzjali, bħalma huma l-pajjiżi tal-Proċess ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni*				
32. Appoġġ għall-pajjiżi kandidati u għal dawk li huma fil-proċess ta' stabilizzazzjoni u assoċjazzjoni	Tingħata l-assistenza teknika u oħra meħtieġa lil dawn il-pajjiżi biex jiffamiljarizzaw ruħhom ma' l-*acquis* ta' l-UE biex ikunu jistgħu jwettqu l-azzjonijiet meħtieġa	2008	SM KUMM EMCDDA Europol	Numru ta' proġetti lesti; nefqa u persentaġġ tan-nefqa totali fuq għajnuna għal dawn il-pajjiżi
33. Għajnuna lill-pajjiżi kandidati biex jieħdu sehem fix-xogħol tal-EMCDDA u l-Europol	Jintlaħqu ftehim mal-pajjiżi kandidati	2008	Kunsill KUMM	Numru ta' ftehim ta' kooperazzjoni li jkunu ntlaħqu
Għan ta' l-Istrateġija 30.3 *Ikunu megħjuna pajjiżi terzi, inklużi l-pajjiżi tal-Viċinat Ewropew, u l-pajjiżi ewlenin li jipproduċu d-droga u dawk ta' tranżitu, biex dawn ikunu aktar effettivi kemm fit-tnaqqis tad-domanda ta' drogi kif ukoll fil-provvista ta' drogi*				
34. Għajnuna lill-pajjiżi tal-Viċinat Ewropew	1. Li tkun implimentata l-parti dwar id-drogi tal-Pjani ta' Azzjoni tal-Politika tal-Viċinat Ewropew	2008	SM KUMM	Numru ta' dispożizzjonijiet fuq id-drogi li jkunu ġew implimentati
	2. Li tkun implimentata l-parti dwar id-drogi tal-Pjan ta' Azzjoni UE-Russja kontra l-kriminalità organizzata	2006	SM KUMM	Numru ta' dispożizzjonijiet fuq id-drogi li jkunu ġew implimentati
35. Għajnuna lil pajjiżi/reġjuni terzi	Għajnuna li għandha tintrabat mal-pjani ta' azzjoni dwar id-drogi, adottata mill-UE ma' diversi	2008	SM KUMM	Numru ta' proġetti lesti; nefqa u persentaġġ tan-nefqa

	reġjuni. Għandha tingħata għajnuna speċjali lill-Afganistan, fil-kuntest ta' l-iżvilupp dwar l-Istrateġija tiegħu dwar il-Kontroll tad-Drogi, u lil pajjiżi ġirien biex jissaħħaħ approċċ reġjonali			totali fuq għajnuna għal dawn il-pajjiżi/reġjuni
36. Il-kontinwazzjoni u l-iżvilupp ta' rabta politika attiva mill-UE ma' pajjiżi/reġjuni terzi	1. L-użu ta' mekkaniżmi, bħalma huma l-Mekkaniżmu tal-Koordinazzjoni u l-Kooperazzjoni fuq id-Drogi bejn l-UE/l-Amerika Latina u l-Karibew u l-laqgħat Trojka dwar id-Drogi	Għadu għaddej	Kunsill KUMM	Rapport annwali fuq l-użu ta' dawn il-mekkaniżmi
	2. Reviżjoni ta' l-attivitajiet u l-miżuri u, fejn xieraq, li jitwaqqfu prijoritajiet ġodda fil-pjani ta' azzjoni dwar id-droga li l-UE adottat ma': - L-Amerika Latina u l-Karibew - L-Ażja Ċentrali - Il-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent	2006 2007 2008	Kunsill KUMM	Rapporti ta' reviżjoni

37. Titjib fil-koerenza ta' l-għajnuna lil pajjiżi/reġjuni terzi	1. L-iskambju ta' informazzjoni fuq ħidmiet ta' l-operat f'pajjiżi u reġjuni terzi	Annwali	Kunsill KUMM	Rapport annwali tal-KUMM
	2. Li jkunu valutati l-proġetti tal-KE u l-Istati Membri li jkunu inklużi fi programmi ta' kooperazzjoni	2008	SM KUMM	Rapporti ta' l-iSM u l-KUMM lill-Kunsill
	3. Li jkunu identifikati l-irduppjar u l-problemi li jeżistu fl-għajnuna teknika	2008	Kunsill KUMM	Aġġornament tal-bażi ta' tagħrif fuq proġetti ta' għajnuna teknika f'pajjiżi kandidati u pajjiżi terzi mill-KUMM, fuq il-bażi ta' l-informazzjoni mogħtija mill-iSM. Ir-rapport tal-KUMM lill-Kunsill

TAGĦRIF, RIĊERKA U VALUTAZZJONI				
Għan ta' l-Istrateġija 31 *Li l-problema tad-drogi tinftiehem aħjar u tiġi żviluppata l-aħjar tweġiba għaliha*				
Għan	**Azzjoni proposta**	**Orarju**	**Parti Responsabbli**	**Għodda ta' valutazzjoni/Indikatur**
38. Ikun hemm informazzjoni ta' min jorbot fuqha u komparabbli fuq indikaturi epidemjoloġiċi ewlenin	Implimentazzjoni sħiħa tal-ħames indikaturi epidemjoloġiċi ewlenin u, fejn ikun xieraq, l-irfinar ta' dawn l-indikaturi	2008	SM EMCDDA	Rapporti mill-iSM li jidentifikaw problemi possibbli fl-implimentazzjoni
39. Ikun hemm informazzjoni ta' min jorbot fuqha fuq is-sitwazzjoni tad-droga	It-twaqqif ta' lista konsolidata ta' indikaturi u għodod ta' valutazzjoni għall-valutazzjoni tal-Pjani ta' Strateġija u ta' Azzjoni ta' l-UE dwar id-Drogi	Għadu għaddej	KUMM EMCDDA Europol	Reviżjoni annwali tal-KUMM bl-appoġġ tal-EMCDDA u l-Europol
40. Tkun żviluppata informazzjoni ċara fuq xejriet u mudelli li qed joħorġu dwar l-użu tad-droga kif ukoll dwar is-swieq tad-droga	Li jintlaħaq ftehim fuq linjigwida u mekkaniżmi ta' l-UE fuq l-identifikazzjoni, is-sorveljanza u t-tweġiba għax-xejriet li qed ikun hemm bħalissa	2008	Kunsill KUMM	Proposta tal-KUMM sa l-2007 flimkien mal-EMCDDA u l-Europol
41. Li jsiru estimi fuq in-nefqa pubblika fuq problemi marbuta mad-	L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jiżviluppaw estimi ta' nefqa diretta u indiretta fuq id-drogi	2006	SM KUMM	Estimi ta' nefqa fuq l-infurzar tal-liġi li għandu x'jaqsam mad-drogi, problemi tas-saħħa

droga				u soċjali marbuta mad-drogi u kooperazzjoni internazzjonali, bl-appoġġ tal-EMCDDA
Għan ta' l-Istrateġija 31.2 *Kull wieħed mill-Pjani ta' Azzjoni ta' l-UE għandu jinkludi temi ta' riċerka ta' prijorità li għandhom jitkattru fuq livell ta' UE, waqt li titqies l-evoluzzjoni mgħaġġla tal-problema tad-drogi*				
42. Li jinftiehmu aħjar il-fatturi wara l-vizzju u d-dipendenza fuq id-droga u fuq it-trattament tal-vizzju tad-drogi	Li titmexxa 'l quddiem riċerka fuq fatturi bijomediċi, psiko-soċjali u oħrajn wara l-użu u l-vizzju tad-drogi fil-kuntest tal-Programm tal-Komunità għar-Riċerka u l-Iżvilupp fl-Istati Membri	Għadu għaddej	SM KUMM	Identifkazzjoni u inklużjoni ta' temi fil-Programm Strutturali u l-programmi ta' ħidma, kif ukoll programmi ta' riċerka nazzjonali L-ammont ta' applikazzjonijiet b'suċċess għall-Programm ta' Riċerka li għandhom x'jaqsmu mad-droga u n-numru ta' proġetti appoġġjati fuq livell ta' SM
43. Jinħolqu netwerks ta' eċċellenza fir-riċerka fuq id-drogi	Netwerks ta' riċerka, universitajiet u professjonisti jkunu inkoraġġuti li jiżviluppaw/joħolqu netwerks ta' eċċellenza għall-aħjar użu tar-riżorsi u t-tixrid effettiv tar-riżultati	2007	KUMM	Ir-rapport tal-KUMM fuq il-livell ta' netwerking u l-fondi akkwistati għal dawn in-netwerks

Għan ta' l-Istrateġija 32 *Li jingħataw indikazzjonijiet ċari dwar il-merti u n-nuqqasijiet ta' l-azzjonijiet u l-ħidmiet preżenti fuq il-livell ta' l-UE*				
44. Valutazzjoni kontinwa u ġenerali	1. Il-Kummissjoni se tippreżenta reviżjonijiet tal-progress lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew fuq l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni, kif ukoll proposti biex ikunu trattati problemi li jkunu ġew identifikati u sfidi ġodda possibbli	Annwali	KUMM	Reviżjonijiet tal-progress
	2. Il-Kummissjoni se torganizza valutazzjoni ta' l-impatt bil-ħsieb li tipproponi Pjan ta' Azzjoni ġdid għas-snin 2009 – 2012	2008	KUMM	Valutazzjoni ta' l-impatt, bl-appoġġ tal-EMCDDA u l-Europol
45. L-issuktar tal-valutazzjonui reċiproka dwar is-sistemi ta' l-infurzar tal-liġi dwar id-droga fl-Istati Membri	Il-limitu ta' l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet għall-aħjar prassi	2006	Kunsill	Rapport u proposta tal-Kunsill għal rakkomandazzjonijiet